**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 9 ta' Mejju 2024**

Rikors Numru: 556/23 AL

A B nee C

vs

D E F B

(M.R. Numru 1717/2016)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-kontendenti ikkontrattaw iz-zwieg nhar is-17 ta' Gunju 2016 fir-Registru Pubbliku gewwa Malta (Dokument SS1), u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, cioe G B illi twieldet fil-21 ta' April 2015 u H B illi twieldet fit-13 ta' Jannar 2017.

2. Illi l-imsemmija konjugi infirdu minn xulxin b kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Katrin Bartolo fil-15 ta' Mejju 2023 (Dokument SS2) biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (b) tal-Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta u ilhom jghixu separatament minn xulxin minn Marzu 2021 (Artikolu (5) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni).

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (ctal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis- separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 6.) u kif ukoll irregolaw il-hlas ta' manteniment ghall- bzonnijiet tal-imsemmija tfal tal-partijiet (Arikolu 8.) biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta’ Ottubru, 2023;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma ppreżentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta’ Mejju 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res* judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.